# Il-Kulleġġ Savio – 50 sena fostna 1968 – 2018

**Qabel tidħol fil-qalba ta' Ħad-Dingli, min-naħa tal-Buskett, insibu l-Kulleġġ Savio li jinkludi dar għas-saċerdoti membri tal-komunità Salesjana u skola sekondarja għas-subien. Il-post hu bejta ta' attivitajiet matul is-sena kollha, waqt li l-membri tal-komunità jgħinu wkoll fil-parroċċa. F'dan l-artiklu, SAVIO D. BORG se jfakkar il-ħamsin sena mill-ftuħ tal-Kulleġġ Savio, mill-Kongregazzjoni Salesjana, fir-raħal tagħna.**







Kien il-qaddis kariżmatiku San Ġwann Bosco li fl-1854 welled il-familja Salesjana, l-ewwel f'Turin, l-Italja, u wara ftit tas-snin, din ix-xitla ċkejkna u umli, bdiet tinfirex mad-dinja kollha. Illum il-Kongregazzjoni Salesjana hija waħda mill-akbar kongregazzjonijiet fil-Knisja Kattolika. Don Bosco kien magħdud fiċ-ċrieki ta' Turin antiklerikali u maħkum bil-mażunerija, bħala wieħed mit-*tre matti* – flimkien ma' San Giuseppe Cottolengo, l-anġlu tal-morda b'mard serju u San Giuseppe Cafasso, l-appostlu tal-kalzrati. It-tlieta kienu meqjusa bħala mġienen; iva, mġienen wara l-batut, wara l-minsi, wara l-emarġinat; it-tfal u ż-żgħażagħ abbandunati; il-morda minsija u mwarrba; u l-ħabsin bla tama. It-tlieta saru qaddisin għax saru kollox għal ħaddieħor. Il-*motto* li Don Bosco fassal ħajtu fuqu jitkellem waħdu: *Da mihi animas, caetera tolle* – Agħtini l-erwieħ, ħudli kollox. Ma kienx *motto* jew *cliché* okkażjonali; kien programm ta' ħajja. Infatti fuq is-sodda tal-mewt, Don Bosco miet b'eżawriment kbir, għax ħajtu saret għotja totali għall-proxxmu fil-bżonn.

Wara diversi tentattivi, kien imiss li din il-kongregazzjoni tixxettel f'Malta wkoll. Fl-1903, is-Salesjani ta' Don Bosco, bil-għajnuna ta' diversi Maltin, ewlenin fosthom il-benefattur Alfons M. Galea, fetħu l-ewwel dar tagħhom f'Tas-Sliema: St Patrick's, skola u dar li tilqa' tfal u żgħażagħ iltiema jew li għaddejjin minn diffikultajiet fil-familja. Matul is-snin kellhom preżenza fir-Rabat, Għawdex u anke f'Birkirkara. Il-providenza riedet li s-Salesjani jiġu fir-raħal tagħna u bdew jibnu dar kbira f'Ħad-Dingli – il-Kulleġġ Savio. Kienet ilha tberren ix-xewqa li s-Salesjani jibnu skola sekondarja f'Malta. Dan il-kulleġġ kellu jservi bħala skola sekondarja għas-subien kif ukoll bħala mixtla ta' vokazzjonijiet.

Kien fl-1960 meta s-Salesjani ġew mogħtija biċċa art kbira f'Ħad-Dingli; art li fl-1965 bdiet tiġi

żviluppata f'kulleġġ. L-awtoritajiet ekkleżjastiċi kienu kuntenti ħafna b'dan l-iżvilupp tant li fl-20 ta' Ġunju 1965, l-Arċisqof ta' Malta nnifsu, Mons. Michele Gonzi poġġa l-ewwel ġebla ta' dan il-proġett fejjiedi. Dan l-iżvilupp witta t-triq biex għall-ewwel darba f'Ħad-Dingli, jidħol Istitut ta' Ħajja Kkonsagrata. Ix-xogħol beda miexi sew u kien propju 50 sena ilu li dan il-kulleġġ laqa' fi ħdanu l-ewwel tnax-il student.



Il-kulleġġ ssemma 'Savio' għat-tfajjel San Domenico Savio, student ta' San Ġwann Bosco. Domenico Savio twieled fit-2 ta' April, 1842, f'raħal ċkejken jismu Riva, fil-Piemonte, f'familja fqira t'għaxar aħwa, iben ħaddied. Minn ċkunitu wera ċerta ġabra u ħeġġa lejn il-ħwejjeġ spiritwali, tant li ngħata permess speċjali li jitqarben ta' 7 snin flok ta' 12-il sena, kif kienet il-prassi dak iż-żmien. Fuq rakkomandazzjoni tal-għalliem tiegħu, Don Giuseppe Cugliero, huwa ltaqa' ma' Don Bosco, li min-naħa tiegħu aċċettah bħala student fl-oratorju tiegħu. Fl-oratorju spikkat l-intelliġenza u l-prudenza tiegħu. Kellu xewqa kbira li jsir saċerdot. Madankollu, marda wasslitu għall-mewta bikrija. Hu miet nhar id-9 ta' Marzu, 1857, fl-età ta' 14-il sena. Don Bosco, li kellu stima kbira tiegħu, ftit wara mewtu kiteb bijografija tiegħu. Huwa ġie ddikjarat qaddis f'Ġunju, 1954. Huwa mudell għal kull student u kien għalhekk li s-Salesjani semmew il-kulleġġ il-ġdid tagħhom f'Ħad-Dingli għalih.

Kif wieħed jista' jistenna, għall-ewwel l-isfidi ta' kulleġġ ġdid kienu kbar. Kien hemm problemi finanzjarji, il-problema ta' kif se tattira studenti ġodda u d-distanza, minħabba li Ħad-Dingli hu xi ftit imbiegħed. Mhux faċli li tipperswadi lill-ġenituri jafdaw lil uliedhom fi skola ġdida! L-ewwel studenti kienu kollha *borders*; kienu jgħixu fil-kulleġġ stess. L-iskola kienet it-tieni dar tagħhom. L-għalliema, li kienu kollha Salesjani, għamlu ħilithom kollha biex dawn l-istudenti pijunieri jħossuhom milqugħa f'din id-dar ġdida tagħhom. U rnexxielhom tabilħaqq! Xieraq li hawnhekk insellmu lill-pijunieri ta' din il-missjoni; l-ewwel komunità li sawret din il-ħolma qaddisa! Bħala l-ewwel Rettur insibu lil Fr Albert Negri, Amerikan; fil-kariga ta' Surmast kien hemm il-poeta u kittieb Fr Philip Grech; bħala Bursar Fr Joe Mangion; Fr John Degiorgio u l-Brothers Tony Caruana, Alfred Gatt, Carmel Sultana u Francis Zammit.

Il-preżenza Salesjana fil-komunità ta' Ħad-Dingli ma kinitx esklussiva biss għall-kulleġġ. Huma integraw sew fil-ħajja tal-parroċċa u hekk ġew aċċettati b'mod aktar faċli. Is-Salesjani bdew ikunu ta' kontribut siewi għal Ħad-Dingli. Il-ftuħ tal-oratorju – l-ewwel fil-kulleġġ u wara f'post separat fil-qalba ta' Ħad-Dingli, Dar Don Bosco – għen biex it-tfal u ż-żgħażagħ iduqu mis-sistema preventiva mħaddma mis-Salesjan; is-sistema *avant garde* ivvintata minn Don Bosco. Bosta tfal Dinglin edukaw irwiehom fil-Kulleġġ Savio. Is-Salesjani bdew jagħtu wkoll kontribut siewi fil-ħajja tal-parroċċa fejn kienu ta' sostenn kontinwu. Il-pastorali mal-poplu, l-aktar mat-tfal u ż-żgħażagħ, huma l-qofol tal-kariżma Salesjana. Fil-25 ta' Marzu 2014, b'kollaborazzjoni bejn is-





Salesjani u l-parroċċa ġiet inawgurata f'Dar Dun Bosco, Kappella tal-Adorazzjoni, li tkun miftuħa mit-Tnejn sal-Ħadd, mis-7.30 am sad-9.00 pm

Matul dawn il-ħamsin sena, il-Kulleġġ Savio kompla jiżviluppa u llum huwa meqjus fost l-aqwa skejjel sekondarji f'pajjiżna. Il-kulleġġ illum joffri edukazzjoni lil 260 student. Jinkorpora fih kumpless sportiv modern u grawnd b'ħaxix artifiċjali. Sar bejta ta' attivitajiet kontinwi għall-membri kollha tal-familja.

Ħamsin sena ta' ħidma mhumiex ċajta. Ix-xitla ċkejkna llum hija siġra li trid tkun indukrata u mħarsa sew! L-isfida ewlenija tal-Kulleġġ Savio hija li filwaqt li jimxi 'il quddiem, jibqa' dak li l-fundaturi ħolmu u stinkaw li jkun; skola Kattolika, b'valuri Nsara, li jhejji ż-żgħażagħ biex ikunu ċittadini tajba, xhieda koerenti ta' dak li jemmnu; ikunu melħ tal-art u dawl għad-dinja.

MV PLASTERING





*Għal xogħol ta' liquid membrane tal-aqwa kwalità .*

Mob: 99447946

MAJJALATA B'RISQ IL-BRIJU TAL-MARĊ TA' FILGĦODU

IT-TNEJN 13 T'AWWISSU 2018

F'MISRAĦ ĠUŻÈ ABELA MIT-8.3O P.M. 'IL QUDDIEM



KUMITAT FESTA ESTERNA

GĦAQDA MUŻIKALI SANTA MARIJA DINGLI – AD1985

ŻGĦAŻAGĦ BRIJUŻI DINGLIN



BILJETTI MINGĦAND L-GĦAQDIET. KULĦADD MISTIEDEN.
MISTEDNIN SPEĊJALI THE GREENFIELDS